# Il-Mosta f'taqbida qawwija mal-ħajja bejn l-1842 u l-1852



*minn* **P. Alexander BONNICI OFM Conv.**
*H.E.D., S.Th.L., Ph.B.*

**Għalkemm** ma taniex dettalji, ma qalx ħażin Victor Caruana meta kiteb li r-Rotunda tal-Mosta nbniet wara ħafna taħbit u qtigħ il-qalb.[1] Iż-żminijiet għal Malta kienu koroh wisq. Il-Gvernatur Sir Henry F. Bouverie (1836 - 1843) kien Gvernatur popolari ħafna, u kien stmat ħafna mill-Maltin minħabba l-kuraġġ li kien wera fi żmien il-kolera ta' l-1837. Hu kien iżur ta' sikwit lil dawk l-irħula li kienu ntlaqtu. F'dawk iż-żjajjar tiegħu, il-Gvernatur beda jara b'għajnejh kemm kien kbir il-faqar tal-Maltin. Il-missirijiet ta' familji numerużi bdew ikunu bla xogħol. Dan kien Gvernatur li lil Malta sar jafha tajjeb għaliex hu ordna li jsir ċensiment li, għalkemm ma niżilx fil-fond ħafna, jagħtina idea dwar l-aspetti soċjali kollha tal-popolazzjoni. L-istoriċi dwar dak iż-żmien jitkellmu fil-qasir dwar dak iċ-ċensiment.[2]

Iċ-ċensiment juri kemm kienu kbar id-diffikultajiet tal-Maltin biex ilaħħqu mal-ħajja. Dan kien jgħodd għal Malta kollha; imma wisq iżjed għall-Mostin. Beda jinħass dejjem iżjed li ma kienx hemm futur. Imma min qatt forsi jimmaġina li l-Mosta u r-raħal qrib tagħha li hu n-Naxxar kienu qed jgħumu f'faqar li llum ma nistgħux nimmaġinawh. F'Malta, dawn kienu l-ifqar fost il-foqra. F'Malta kien hawn popolazzjoni ta' 114,499 ruħ. Fil-Mosta, minħabba l-faqar u n-nuqqas ta' mediċini, it-toqol tal-mard kien qed jinħass aktar milli f'postijiet oħrajn. Lill-morda u lix-xjuħ, kienu jaraw kif idaħħluhom fi sptar jew f'xi ospizju. Imma x'uħud baqgħu f'darhom assistiti minn nieshom. Madankollu, ma naqsux dawk li kienu jgħixu weħidhom f'xi kamra, u għalhekk kienu għaddejjin minn miżerja kbira.

Fil-Mosta ta' dak iż-żmien, il-popolazzjoni kienet ta' 1601 li kienu ta' sess maskil u 1785 ta' sess femminil. B'kollox, kien hemm 3386 ruħ. Ix-xjuħ, li kellhom minn 70 sena 'l fuq, u li kienu f'darhom b'dipendenza kompletament minn xi ħaddieħor kienu ta' tmien irġiel u seba' nisa. Il-morda ta' inqas minn 70 sena, imma mitfugħin ġo sodda bla possibilità li jieħdu ħsieb tagħhom infushom, kienu tnax-il raġel u wieħed u għoxrin mara.[3]

## MIR-RAPPORT DWAR L-1852

Ftit iżjed tard, sar ċensiment ieħor li waslilna d-dettalji kollha. Dan kien fis-sena 1852. Dawk ta' żminijiet oħrajn ma humiex ħlief ta' bejn wieħed u ieħor. Il-Kappillan tal-Mosta ta' dak iż-żmien kien Dun Ġammarì Schembri, li kien mill-Mosta stess. Il-Gvernatur ta' Malta kien Sir William Reid (1851-1858), li kien għadu fil-bidu tiegħu fi gżiritna.

Meta għaddew ftit żmien minn dak iċ-ċensiment, A. Giglio, fl-1853, ġabar fi ktieb ħafna kummenti u ċifri. Dan jissejjaħ *Comments and Tables of the Census of the Population of Malta*. Dan il-ktieb jiftiehem aħjar meta aħna nxebbħuh mal-*Blue Book* li kien joħroġ kull sena b'inizjattiva tal-Gvern Kolonjali.

Dawn juruna li Malta u Għawdex kienu għaddejjin minn żmien ta' faqar kbir. Imma l-faqar tal-Mosta, jekk jixxebbaħ mas-sitwazzjoni ġenerali ta' Malta, kien wisq iżjed kbir.

## IL-POPOLAZZJONI

Fi żmien meta l-popolazzjoni ta' Malta kienet ta' 147,306 ruħ, fil-Mosta kien hawn 4305. Dawn kienu mqassmin f'2126 ta' sess maskil u 2179 ta' sess femminil. Kien hemm fil-Mosta 771 familja. Dan ifisser li kien hemm f'kalkola ta' bejn wieħed u ieħor xi erbgħa




*Mappa dettaljata tal-Gżejjer Maltin li ġiet ippubblikata għall-ħabta ta' l-1830. Ġiet impinġija minn L. Herbert u stampata fid-Lithographic Establishment f'Londra fl-1 ta' Ġunju 1830.*

*(Ħajr lis-sur Raymond Cauchi)*

jew ħamsa kull familja. Madankollu kien hemm familji ħafna akbar waqt li ma kenux ftit dawk ix-xjuħ li kienu jgħixu f'darhom weħidhom.[4] Nosservaw li l-Mosta kienet kibret sewwa f'għaxar snin.

## L-GĦONJA

F'Malta, kien hawn 11.53 fil-mija tal-popolazzjoni li kienet qed tgħix fil-ġid. Dawn kellhom il-kumditajiet li dak iż-żmien kien jipprovdi. Kienu n-nobbli li kellhom ħafna artijiet u, b'xorti tajba, ħafna Maltin kienu jseftrulhom u bis-saħħa ta' hekk jaqilgħu l-għajxien. Ħafna minn dawn il-Maltin kienu jgħixu magħhom fl-istess dar. Kien hemm ukoll ftit professjonisti li kienu jaqilgħuha tajjeb.

Madankollu, fil-Mosta, ma kienx hemm ħlief 2.34 fil-mija li tqiesu bħala għonja f'dak iċ-ċensiment. Dan ifisser li, fil-Mosta, kien hemm biss bejn tnejn jew tlieta fil-mija li kienu għonja. Għalhekk, il-livell tal-Mosta, fejn tidħol il-ġid materjali, kien baxx ħafna.[5]

## IL-KLASSI MEDJA

Meta, fl-aħħar żmien, bdejna nitkellmu fuq il-*klassi medja*, fiha niġbru kważi l-popolazzjoni kollha. Huma dawk li ma jissejħux għonja. Imma, bix-xogħol ta' jdejhom jirnexxilhom jgħixu denjament, u jkollhom ftit kumditajiet milli taf toffri l-ħajja. Imma, lejn nofs is-seklu dsatax, dawn ma kenux wisq.

F'Malta, dawk tal-klassi medja kienu jwasslu għal 39.22 fil-mija. Dan ifisser li kien hawn qrib l-erbgħin fil-mija li setgħu ma jilmentawx għax kien jirnexxilhom jgħixu huma u jgħajxu l-familja tagħhom mhux ħażin. Imma l-livell tal-Mosta kien wisq iżjed baxx. Fil-Mosta, kien hawn 22.17 fil-mija li kienu fil-klassi medja. Kienu dawk li, minbarra li jgħixu, kienu jistgħu jagħtu xi offerti għall-opri li kienu jsiru fir-raħal. F'dak iż-żmien, il-piż ewlieni kien il-bini tar-Rotunda. Imma osservaw li, fil-Mosta, il-klassi medja kienet biss ta' ftit iżjed min-nofs tal-medja ġenerali ta' Malta.

## IL-FOQRA

Kien hemm, imbagħad, il-klassi tal-foqra. Kienu jsejħulhom il-"baxxi" fost il-poplu. Dawn kienu l-persuni li ma kienx jirnexxilhom jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Xi drabi, kienu f'sitwazzjoni li ma tixraqx lid-dinjità tal-bniedem. Ħafna minn dawn kienu jittalbu xi biċċa ħobż biex jgħixu. F'dak iż-żmien, foqra, bi ħwejjiġhom imqattgħin, kienu jħabbtu ta' sikwit bieb bieb.

Ftit kienu jistgħu jagħtuhom xi flus. Kienu jittamaw li jaqilgħu xi ħabba. Kienu jifirħu ħafna jekk xi ħadd inewlilhom f'idejhom xi rbija. Jekk jingħataw xi skud għalihom kien ikun qishom rebħu xi lotterija.[6]

X'uħud minn dawn kienu jiddependu ħafna mill-għajnuniet tal-kappillan. Meta sabu min jaqbeż għalihom, kien iseħħilhom jakkwistaw xi pensjoni ċkejkna. L-għajnuna li jingħataw mill-Gvern Kolonjali kienet tieqaf meta offrewlhom ix-xogħol u ma aċċettawhx.

Imma, għall-morda u x-xjuħ, kienet tibqa' tingħata. Imma ma tantx kienet tkun regolari. Mhux darba u tnejn, kien ikollhom jaqbżu xi ikla. It-tfal tagħhom kienu jiġġerrew mat-toroq ħafjin u b'ilbies imqattgħa. Imma ż-żarbun ma kenux jilbsuh lanqas missirijiethom u ommijiethom.

Min iseħħlu jkollu xi żarbun, kien jilbsu għal xi okkażjoni speċjali. L-iskola, li kienet fil-bidu tagħha, it-tfal kienu jaraw kif jiskartawha. Fil-fatt, damet ħafna biex saret obbligatorja. Fil-bidu, biex l-iskola tinżamm, in-nobbli ta' Malta u l-Gvern Kolonjali kienu joħorġu xi ħaġa tal-flus. Imma, xi drabi, lanqas is-sinjuri ma kienu jinkeddu wisq biex jistudjaw. La kellhom il-flus, ma kellhomx għalfejn joqogħdu jħabblu rashom biex jistudjaw. Dawk li studjaw aktarx li ħarġu mill-popolazzjoni ta' livell medju.

Il-Maltin li kienu jgħixu fil-faqar, li ġie li kien ifisser "miżerja", kien ta' 49.20 fil-mija. Dan ifisser li kważi n-nofs il-popolazzjoni kienet batuta ħafna u ma kellhiex dak li kien meħtieġ biex tgħix.

## FAQAR KBIR FIL-MOSTA

Il-qagħada ta' l-irħula kienet ħafna agħar. Il-faqar tal-Mosta jimpressjona. Kien hawn 75.49 fil-mija tal-popolazzjoni li kienu jgħoddu mal-foqra. Dan ifisser li kienu iżjed minn tlieta minn kull erbgħa. Bejn il-Mosta u n-Naxxar, bilkemm kien hemm differenza. Fin-Naxxar, il-foqra kienu 75.71 fil-mija. Dan ifisser li l-faqar fin-Naxxar kien jinħass ftit iżjed. In-Naxxar kien l-ifqar raħal ta' Malta; imma warajh kienet tiġi l-Mosta. Ta' min josserva li l-popolazzjoni tal-Mosta kienet qabżet sewwa lil dik tan-Naxxar. Fil-Mosta kien hemm madwar elf ruħ iżjed min-Naxxar.

Ngħidu l-aħħar kelma billi nagħmlu paragun ieħor. Waqt li l-Mosta u n-Naxxar kienu l-ifqar f'Malta, f'Għawdex kien hemm raħal li kien ifqar minn dawn. Ir-raħal l-iżjed fqir kien ix-Xagħra fejn tmenin fil-mija li ma kellhomx il-mezzi suffiċjenti biex jgħixu. F'Kemmuna, imbagħad, fejn ma kienx hemm ħlief 29 ruħ, il-faqar kien għal kulħadd. Il-ftit familji li kien hemm kienu kollha kemm huma qed jgħixu f'faqar kbir.[7]

---

**Noti:**

1. Victor Caruana, "Mosta: Santa Marija", **Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u Għawdex**, PIN II, 1993, p. 171.
2. Fost oħrajn, ara T. Zammit, **Malta**, 3 ed. Aquilina, 1952, p. 293.
3. A. Giglio, **Comments and Tables of the Census of the Population of Malta**, 1853, p. 27.
4. Blue Book, 1875, R. 4.
5. A. Giglio, **Comments and Tables of the Census of the Population of Malta**, 1853, p. 35.
6. Ib.
7. Ib.